# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-28 ta' Gunju, 2018.**

**Rikors Numru 547/2014 SM**

**L-Avukat Dr. Franco B. Vassallo u**
**l-Prokuratur Legali Silvana Vella**

**vs.**

**Ir-Registratur (Qorti Civili u Tribunali)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat it-23 ta' Gunju, 2014, li permezz tieghu, r-rikorrenti, ghar-ragunijiet hemm espressi, essenzjalment jitolbu li *ai termini* tal-artiklu 64 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 12), din il-qorti:

1.1. Thassar u tirrevoka t-taxxa tad-drittijiet rilaxxata wara l-kawza **Salv Bezzina & *Sons et* vs. l-Awtorita` Marittima ta' Malta *et***, (Rikors Numru 1069/2006), rilaxxata fiz-**19 ta' Mejju, 2014**, (ara foll 12);

1.2. Tordna li l-istess taxxa tinhadem mill-gdid abbazi tal-valur tal-kuntratt ta' koncessjoni, jew skont direzzjonijiet li l-qorti joghgobha taghti;

2. Rat id-digriet taghha datat is-26 ta' Gunju, 2014, li permezz tieghu appuntat l-istess procedura ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 15);

3.0. Rat ir-risposta datata t-28 ta' Lulju, 2014, li permezz taghha l-intimat sintetikament isosstni, li ghar-ragunijiet minnu hemm elenkati, t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati *stante* li:

3.1. Il-procedura *de quo* kellha tigi diretta kontra kull min jista' jigi milqut;

3.2. Illi l-kawza in dizamina kienet titratta stharrig t'ghemil amministrattiv u ghalhekk it-taxxa relattiva ma tistax tkun *ad valorem*;

3.3. Illi mhix prassi li fil-kazijiet in dizamina l-konsulenti legali jinghataw l-opportunita` li jaqblu fuq il-valur tal-kawza;

3.4. Illi t-taxxa *de quo* hi regolata bl-artiklu 15(b) tat-Tariffa E annessa mal-Kap 12 u mhux mal-artiklu 13 tal-istess tariffa;

3.5. Illi n-numru ta' seduti esperiti quddiem il-perit legali involut ma jinfluwixxux fuq it-taxxa finali;

3.6. Illi *di piu`*, ma saret l-ebda talba ghad-danni;

3.7. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

3.8. Salv risposti ulterjuri;

4. Rat is-sentenza preliminari taghha datata s-27 t'Ottubru, 2015, (ara foll 51), li permezz taghha, ghar-ragunijiet prodotti, ordnat il-kontinwazzjoni tal-kawza;

5. Rat in-nota datata l-1 ta' Novembru, 2017, li permezz taghha r-rikorrenti cedew il-kaz fuq il-mertu *stante* li accettaw it-taxxa kif mahduma mill-gdid mir-Registratur fil-mori tal-kawza, izda zammew ferm il-kap tal-ispejjez, (ara foll 92 u 96);

6. Semghet ix-xhieda prodotta;

7. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

8. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti orali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

9.1. Illi l-procedura *de quo* giet inizjata ghaliex ir-rikorrenti ma kienux qabblu mal-mod kif l-intimat kien intaxxa d-drittijiet taghhom fil-kawza indikata qabel, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), allegata mal-procedura odjerna u deciza fiz-19 ta' Mejju, 2014, (ara foll 33 tal-process odjern u Rikors Numru 1069/2006, foll 652);

9.2. Illi skont ix-xhieda tal-istess intimat jirrizulta li fit-taxxa originali kien hemm zball:

> "... u ma ddahhalx l-ammont li kien dovut lil Avukati tal-awtorita` Marittima pero` dan kien zball amministrattiv li setgha facilment jigi korrett anke minghajr procedura fi qrati", (ara foll 98);

9.3. Illi t-taxxa in dizamina ggib id-data tat-28 ta' Mejju, 2014, u inharget mid-Deputat Registratur addett mal-qorti li ddecidiet il-kawza fuq riferita, (ara paragrafu numru disgha punt wiehed, (9.1.), aktar qabel);

9.4. Illi t-taxxa korrettorja tirrizulta rilaxxata fit-12 ta' Mejju, 2017, (ara foll 93 u 99);

9.5. Illi rizultat tal-istess ir-rikorrenti cedew il-kawza fil-mertu izda zammew ferm il-kap tal-ispejjez, (ara foll 92);

Ikkunsidrat:

10. Illi ghalhekk il-procedura originali kienet tirrigwarda ritassa dwar id-drittijiet gudizzjarji re l-kawza fuq indikata datata z-19 ta' Mejju, 2014, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed);

11. Illi in vista tal-premess, il-procedura odjerna allura tirrigwarda biss il-kap tal-ispejjez rizultanti mill-procedura in dizamina;

Ikkunsidrat:

12. Illi *nonostante* li issa il-vertenza in dizamina hi limitata biss ghal epurazzjoni tal-kap tal-ispejjez, xorta jibqa' l-htiega li tezamina – anke superficjalment – il-mertu li ta bidu ghall-istess vertenza;

13. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri**), fl-ismijiet **Mary Anne Farrugia *et* vs. Carmelo Abela *et***, datata t-**8 t'Ottubru, 2008**, li sosstniet f'dan ir-rigward li:

> "... il-Qorti tezamina, kif ezaminat l-Ewwel Qorti, l-meritu halli tara jekk l-attur appellat *nomine* kienx gustifikat jew le li jistitwixxi din il-kawza prezenti";

Ikkunsidrat:

14. Illi l-istess intimat jafferma li fl-ewwel taxxa rilaxxata kien hemm zball amministrattiv;

15. Illi l-istess zball seta' facilment gie korrett minghajr ma tigi intavolata l-procedura dispendjuza in ezami, (ara foll 98);

16. Illi l-istess gie accettat mir-rikorrenti li accettaw it-taxxa kif sussegwentement korretta, tant li anke cedew it-talbiet taghhom fuq il-mertu, (ara foll 92);

17. Illi jirrizulta wkoll li l-izball originali seta' facilment jigi korrett minghajr l-intavolar tal-procedura odjerna, u biss b'abbokkament semplici mal-istess intimat;

Ikkunsidrat:

18. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta pacifiku li r-rimedju rikjest wara l-izball in dizamina ma kienx jirrikjedi l-inizjal ta' procedura quddiem il-qrati superjuri, bl-ispejjez kollha konnessi;

19. Illi sforz minimu biex tingibed l-attenzjoni tal-intimat fir-rigward kien sufficjenti biex tigi radrizzata l-lanjanza riklamata;

20.0. Illi ghalhekk, din il-qorti hi sodisfatta li l-intimat m'ghandux jigi akkollat bl-ispejjez tal-procedura odjerna *stante* li r-rikorrenti kienu prekoci wisq biex jintavolaw il-procedura odjerna meta setghu solvew il-kwistjoni b'dispendju anqas ta' zmien u ta' finanzji, u konsegwentement:

**DECIDE:**

20.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

20.2. Takkolji r-risposti kollha rimanenti tal-intimati;

20.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti.

______________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**